MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 64/2003

Carmel Vella Limited
Vs.
Hite Investments Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' sitta u sittin elf Liri Maltin (Lm66,000), ammont rapprezentanti in kwantu seba' t'elef Liri Maltin (Lm7,000) bilanc minn somma akbar ta' tnax il-elf Liri Maltin (Lm12,000), somma mislufa lis-socjeta konvenuta kif indikat fi skrittura privata bejn il-partijiet tas-6 ta' Dicembru, 2001, u kwantu ghal-disa' u hamsin elf lira maltin (Lm56,000) rappresentanti prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni provdut mis-socjeta attrici ghall-bini ta' proprjeta tas-socjeta konvenuta fis-Siggiewi, kollox kif deskrtt fl-iskrittura li saret bejn il-partijiet datata wkoll 6 ta' Dicembru, 2001;

Illi is-socjeta konvenuta kellha thallas l-ammont ta' tnax il-elf lira Maltin (Lm12,000) sas-7 ta' Dicembru, 2001, li

minnhom halset biss is-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) u ghalhekk fadal bilanc ta' seba' t'elef liri Maltin (Lm7,000) filwaqt li l-ammont ta' disa u hamsin elf lira maltin (Lm59,000) kellhom jithallsu sal-15 ta' Frar, 2002 , izda baqghu ma thallswux;
Illi is-socjeta konvenuta giet diversi drabi debitament interpellata minn dk attrici sabiex thallas l-ammont dovut,inkluz permezz ta' ittra ufficcjali tat-13 ta' Settembru, 202 debitament notifikata, izda baqghet inadempjenti u ma hallsitx is-somma komplessiva minnha dovuta fl-ammont hawn fuq indikat;
Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u; jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artiklu 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, inkluz illi is-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezjonijiet x'taghti ghal-din l-istess talba;
Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-
1. Tipprocedi gha-sentenza skond it-talba tal-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli l67-l70 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is0-somma ta' sitta u sittin elf lira Maltija (Lm66,000) kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.
Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta' Settembru, 2002 u tal-Mandati Kawtellatorji ta' Sekwestru numru 66/03 u bl-imghax mid-data tas-7 ta' Dicembru, 2001 in kwantu ghas-Lm7000 rapprezentanti il-bilanc fuq is-self u mid-data tal-15 ta' Frar, 2002 in kwantu is-somma ta' disa' u hamsin elf liri maltin (Lm59,000) sad-data tal-hlas effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-socjeta konvenuta li biha ammetta it-talba;
Rat il-verbal tallum fejn il-partijiet qablu li l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghandu jithallas bil-mod segwenti:- Lm20,000 jithallsu sat-28 ta' Frar, 2003 wara li jkun inhareg il-kontro-mandat ghal-Mandat ta' Sekwetru numru 66/2003 u il-bilanc ta' Lm46,000 jithallsu f'rati mensili ta' Lm5750 bl-ewwel pagament isir sal-31 ta' Marzu, 2003 u l-ahhar pagament isir sal-31 ta' Ottubru, 2003. Il-pagament li ghandu jsir sal-30 ta' Novembru 2003 ikun ikopri l-ispejjes

gudizzjarji u legali skond taxxa ufficcjali u l-imghaxijiet legali kif mitlub fic-citazzjoni. Il-partijiet qablu wkoll li jekk is-socjeta konvenuta tkun moruza f'pagament wiehed jintilef il-beneficcju tat-terminu favur taghha.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni u il-hlas tas-sorte u tal-ispejjes mitluba fic-citazzjoni ghandu jsir bil-modalita kif registrat fil-verbal tallum u kif riportat iktar hawn fuq f'din is-sentenza

-------------------------------TMIEM-------------------------------